

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Jannar 2008 —
Aluminium Silicon Mill Products vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-151/06) (¹)

(“Dumping — Rifużjoni tad-dazji kontra d-dumping — L-annullament tar-Regolament li jistabbilixxi dazju definitiv kontra d-dumping — Mhemmx lok għal deċiżjoni — Deċiżjoni dwar l-ispejjeż”)

(2008/C 92/56)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aluminium Silicon Mill Products GmbH (Zug, L-Iżvizzera) (rappreżentanti: L. Ruessmann u A. Willems, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Stancanelli u T. Scharf, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 1183 finali, tat-3 ta' April 2006, li tieħad parzialment it-talbiet intiżi għar-rifużjoni ta' dazji kontra d-dumping imħallsa fuq importazzjonijiet ta' silikon li jorigha mir-Russja.

Dispożittiv

- 1) Mhemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- 2) Il-Kummissjoni hija kkundannata tħati l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 178, 27.7.2006.

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: R. Pethke, aġġent)

Parti oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI: Avensa AG (Zoug, L-Iżveċċa)

Suġġett

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tal-11 ta' Settembru 2006 (każ R 668/2005-2) dwar proċeduri ta' oppożizzjoni bejn Avensa AG u Altana Pharma AG.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa minnha bħala, in parti, manifestament inammissibl u, in parti manifestament mhux fondat fid-dritt.
- 2) Altana Pharma AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 326, 30.12.2006.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Frar 2008 — Jurado Hermanos vs L-UASI (JURADO)

(Kawża T-410/07 R)

(“Miżuri provviżorji — Trade mark Komunitarja — Tħassir tat-trade mark — Applikazzjoni għal restitutio in integrum — Talba għas-sospensjoni tat-tħassir tat-trade mark — Inammissibbiltà”)

(2008/C 92/58)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Frar 2008 — Altana Pharma vs L-UASI — Avensa (PNEUMO UPDATE)

(Kawża T-327/06) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċeduri ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali PNEUMO UPDATE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Pneumo — Rikors in parti manifestament inammissibbli u in parti manifestament mhux fondat fid-dritt”)

(2008/C 92/57)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Altana Pharma AG (Constance, Il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Becker)

Partijiet

Rikorrenti: Jurado Hermanos, SL (Alicante, Spanja) (rappreżentant: C. Martín Álvarez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. López Fernández de Corres, aġġent)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tat-tħassir tat-trade mark Komunitarja verbali Nru 240218 u ta' l-effetti legali tad-Deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tat-3 ta' Settembru 2007 (Każ R 866/2007-2) dwar l-applikazzjoni għal restitutio in integrum imressqa minn Jurado Hermanos, sakemm il-Qorti tal-Prim'Istanza tiddeċċiedi l-kawża prinċipali

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
 - 2) L-ispejjeż huma rriżervati.
-

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Frar 2008 — Buczek Automotive vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-1/08 R)

("Talba għal miżuri provviżorji — Talba għal sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Artikolu 105(2) tar-Regoli tal-Proċedura")

(2008/C 92/60)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Frar 2008 — CPEM vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-444/07 R)

("Miżuri provviżorji — Talba għal sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Preżentata tat-talba — Inammissibbiltà — Assoċċazzjoni — Dannu finanzjarju — Nuqqas ta' urġenza")

(2008/C 92/59)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Centre de promotion de l'emploi par la micro-entreprise (CPEM) (Marsilja, Franzia) (rappreżentant: C. Bonnefoi, avocat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Flynn u A. Steiblytè, aġenti)

Suġġett

Talba għal sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tan-nota ta' debitu Nru 3240912189, tas-17 ta' Diċembru 2007, fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 4645, ta' l-4 ta' Ottubru 2007, li tħassar l-ghajjnuna mogħtija mill-Fond Soċċali Ewropew (FSE) favur is-ĊPEM bid-Deċiżjoni C(1999) 2645, tas-17 ta' Awwissu 1999.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
 - 2) L-ispejjeż huma riżervati.
-

Partijiet

Rikorrenti: Buczek Automotive sp, z o.o. (Sosnowiec, Il-Polonja) (rappreżentant: T. Gackowski, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett

Talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni C(2007) 5087 finali tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar l-ghajjnuna mill-Istat C 23/2006 (ex NN 35/2006) mogħtija mir-Repubblika tal-Polonja lill-produttur ta' l-azzar Grupa Technologie Buczek hija sospiża, safejn din id-deċiżjoni tikkonċerna lil Buczek Automotive sp. Z o.o., sa l-adozzjoni tad-digriet li jikkonkludi dawn il-proċeduri għal miżuri provviżorji.

Dispożittiv

- 1) L-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni C(2007) 5087 finali tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar l-ghajjnuna mill-Istat C 23/2006 (ex NN 35/2006) mogħtija mir-Repubblika tal-Polonja lill-produttur ta' l-azzar Grupa Technologie Buczek hija sospiża, safejn din id-deċiżjoni tikkonċerna lil Buczek Automotive sp. Z o.o., sa l-adozzjoni tad-digriet li jikkonkludi dawn il-proċeduri għal miżuri provviżorji.
 - 2) L-ispejjeż huma rriżervati.
-

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2008 — Quest Diagnostics vs L-UASI — ALK-Abelló (DIAQUEST)

(Kawża T-22/08)

(2008/C 92/61)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Quest Diagnostics Inc. (Teterboro, l-Istati Uniti) (rappreżentant: R. Niebel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: ALK-Abelló A/S (Hørsholm, id-Danimarka)